# Il-Ħadd 04.10.20

1. Illum 4/10, **Festa tal-Madonna tar-Rużarju**:
   - ***Il-Quddiesa ta' filgħaxija tibda tkun fil-5:30pm, u mhux fis-6:00pm.***
   - Fil-5:30pm - Quddiesa bil-priedka mill-Kappillan Kan. David Farrugia,
     bil-professjoni ta' fratelli u sorelle ġodda,
     bit-tberik ta' kuruni tar-Rużarju, u animata mill-Kor *'Sine Macula'*;
   - Fis-6:30pm - Rużarju li jintemm b'Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

   N.B. Infakkru li matul dan ix-xahar ta' Ottubru jingħad ir-Rużarju fil-knisja:
   Filgħodu -- qabel il-quddiesa tas-7:30am;
   Filgħaxija -- fis-6:00pm.

2. Il-Ħadd 11/10 **niċċelebraw l-Anniversarju tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja: 236 sena** *(nhar l-10 ta' Ottubru 1784 mill-Isqof Vincenzo Labini)*:
   - Fid-9:00am - Quddiesa li fiha jiġu nċensati s-slaleb tal-konsagrazzjoni.
   - Fl-10:30am - Quddiesa biċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament tal-Magħmudija.

3. Avviżi oħra:-
   - Is-Servizz Nazzjonali tat-Trasfużjoni tad-Demm jixtieq jirringrazzja lil kulmin ta sehmu l-Ħadd li għadda waqt is-sessjoni ta' għoti ta' demm f'Ħal Safi, speċjalment lil dawk it-28 persuna li resqu.
   - Matul dan il-weekend ser jinbiegħu biljetti b'risq Lotterija ta' Hamper li ser jittella' aktar 'il quddiem, bil-għan li niġbru aktar fondi għall-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr. Napprezzaw il-koperazzjoni tagħkom.

4. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 115 bħala ġabra tal-Quddies tal-Ħadd li għadda;
   - € 175 bħala donazzjonijiet b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr.
   - **Illum il-ġbir tal-Quddies ser ikun "l-Offerta ta' San Pietru", jiġifieri Offerta b'risq l-għotjiet ta' karità li jagħmel il-Papa ma' ħutna l-aktar fil-bżonn, speċjalment ma' dawk milqutin minn xi emerġenza, diżastru naturali jew gwerra, u għalhekk infakkar biex qabel toħorġu tħallu d-donazzjoni tagħkom ġol-qfief fejn is-Sanitizing Points.** Nitlobkom tkunu ġenerużi u grazzi bil-quddiem.

5. Nitolbu għal Christopher Zahra li għadda għal ħajja ta' dejjem din il-ġimgħa.
   Agħtih o Mulej il-mistrieħ ta' dejjem ...